Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 7/2017

**Margaret Lebrun (appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta` Socjali (appellant)**

It-Tnejn, 2 ta' Lulju 2018.

Permezz ta' rikors prezentat fit-22 ta' Dicembru 2017, id-Direttur Generali tas-Sigurta` Socjali appella mid-decizjoni tal-Arbitru tas-17 ta' Novembru 2017 fejn inghad:

*"Fil-kaz odjern, l-appellanti ma ghandiex genituri li qed jircievu pensjoni izda addirittura ma ghandhiex genituri ghax gew nieqsa;*

*Illi l-Arbitru jifhem illi skont it-termini stretti tal-Artikolu 20(1) (b), l-appellanti ma tikkwalifikax ghal din l-ghajnuna izda qed jiehu konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-apellanti u cioe` dik tad-diskriminazzjoni;*

*L-Arbitru jinnota wkoll li l-Artikolu 20(1)(b) ma jimpedix kwalifika ghall-Ghajnuna ghall-Mard f'kazijiet li persuna ma jkollhiex genituri;*

*Illi l-Arbitru jissottolinea illi persuna minghajr genituri ghandha bzonn izjed ghajnuna minn persuna li ghandha genituri stante li l-mard tal-appellanti huwa konfermat minn certifikat mediku mhux kontestata mid-Dipartiment, l-appellanti tikkwalifika bhala kaz socjali u persuna bi bzonn ta' Ghajnuna tal-Mard;*

*L-Arbitru jaghraf li l-iskop tal-Kap 318 u specifikatament tal-Ghajnuna ghall-Mard huwa sabiex jigi meghjuna persuna li verament ghandha bzonn ta' din l-ghajnuna u l-Arbitru jemmen illi l-appellanti tikkwalifika bhala tali.*

*Ghaldaqstant l-Arbitru filwaqt li jaghmel referenza ghas-suespost qieghed jilqa' l-appell tal-appellanti in kwantu li (i) ma ghandhiex tigi michuda li tircievi l-Ghajnuna ghall-Mard; (ii) l-Arbitru jissuggerixxi revizjoni tal-Artikolu 20(1)(b)*

*sabiex jinkorpora sitwazzjoni bhal dik tal-appellanti."*

Mill-atti jirrizulta li:-

i. L-appellanti Margaret Lebrun, illum appellata, kienet applikat ghall-Ghajnuna tal-Mard permezz ta' applikazzjoni li waslet fid-Dipartiment ghas-Sigurta` Socjali fl-4 ta' Awwissu 2016;

ii. Fl-applikazzjoni ddikjarat li hija l-kap tal-familja;

iii. Fl-20 ta' Gunju 2017 l-applikazzjoni giet rifjutata mid-Direttur Generali Sigurta` Socjali u dan ghaliex, "*skont il-provizjonijiet tal-Artikolu 20(1)(b), inti m'intix meqjus bhala persuna mhux mizzewga".*

iv. Fir-risposta ghall-appell ta' Margaret Lebrun quddiem l-Arbitru, id-Direttur Generali Sigurta` Socjali filwaqt li sostna li l-appell taghha jigi michud, talab illi r-raguni minnu moghtija fid-decizjoni tal-20 ta' Gunju 2017 ghac-cahda tal-applikazzjoni, tigi sostitwita bir-raguni segwenti: "*ma tissodisfax il-kundizzjonijiet ta' l-artiklu 20(b)";*

v. M'hemmx kontestazzjoni li l-genituri tal-appellata huma mejtin u li hi tghix wahedha u xebba;

vi. M'hemmx kontestazzjoni lanqas li l-appellata giet certifikata illi ssofri minn kundizzjoni li ghaliha tinghata l-Ghajnuna ghall-Mard, tant illi fl-appell tieghu id-Direttur jghid hekk: "*l-appellata tissodisfa kull kriterja* [tal-Artikolu 20(1)(b)]*, salv dik il-kriterju rigward il-genituri taghha, proprju ghaliex il-genituri taghha kienu diga` ghaddew ghal hajja ahjar".*

L-aggravju uniku tal-appellant hu li l-Arbitru applika l-ligi b'mod zbaljat.

Id-Direttur isostni li r-rifjut tieghu tal-applikazzjoni ghall-Ghajnuna ghal Mard,

jirrifletti dak li tistipula l-ligi fl-Artikolu 20(1)(b). It-tezi tal-appellant hi fis-sens li minhabba li l-ġenituri tagħha kienu mejtin, ma kinitx tissodisfa l-kriterji kollha stabbiliti fl-artikolu 20(1)(b) sabiex tikkwalifika għall-għajnuna għall-mard. Għaldaqstant, isostni li t-talba tagħha kellha tiġi rifjutata.

Skont l-artikolu 20(1) tal-Kap. 318,

*"…… persuna li tkun kap tal-familja jkollha jedd għal Għajnuna għal Mard taħt dan l-artikolu jekk tipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur illi:*

(a) ***hija****, jew membru tal-familja tagħha,* ***qed isofru minn marda****, jew huma f'kundizzjoni ……"*

Għaldaqstant, kap tal-familja hu ntitolat li jirċievi l-għajnuna għall-mard jekk huwa jsofri minn mard. Ovvjament irid jissodisfa l-kriterji l-oħra li tikkontempla l-liġi.

Il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-liġi li jagħti l-appellant. Kif stabbilit, hemm qbil li l-appellata tbati mill-mard definit fil-paragrafu (ii) tal-Artikolu 20(1)(b), hija persuna li tgħix waħedha u xebba. Il-Qorti tifhem ukoll li l-appellata hija kap tal-familja għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 318 ġialadarba l-Att dwar is-Sigurta` Soċjali jipprovdi li *"familja"* tfisser, "***persuna waħda li, fl-opinjoni tad-Direttur tkun tabita waħedha****, jew żewġ persuni jew iżjed li fl-opinjoni tad-Direttur ikunu jabitaw flimkien bħala familja*" (artikolu 2).

Il-Qorti tosserva li jekk l-appellata kienet tgħix mal-ġenituri tagħha meta dawn kienu għadhom ħajjin, skont l-Artikolu 20(1)(b) kien ikollha dritt għal dan il-benefiċċju jekk ħadd mill-ġenituri tagħha ma kien impjegat u xi ħadd minnhom kien jirċievi pensjoni taħt it-Taqsima IV u V u jkollha l-mard li jissemma fl-istess paragrafu. Pero' paragrafu (b) japplika biss fejn persuna tkun qegħda tgħix mal-ġenituri tagħha. Fil-fatt f'dik l-istess dispożizzjoni jingħad li f'dik iċ-ċirkostanza, ***"jibqa' d-dritt għall-Għajnuna għal Mard"***. Dispożizzjoni li ġiet introdotta bl-Att XV tal-2016 (ara artikolu 49). Fid-

dokument tal-Bagit tal-2016 din il-mizura kienet spjegata b'dan il-mod:

*"12.7 Estensjoni tal-Ghajnuna Medika.*
*Fost il-persuni singoli li jghixu mal-genituri, jista' jkun hemm min ma jistax jahdem minhabba mard mentali jew mard terminali.* ***Biex dawn il-persuni wkoll ma jispiccawx ta' piz fuq il-genituri taghhom****, fejn wiehed jew wahda minnhom tkun bil-pensjoni, se jkunu qed jinghataw id-dritt li jibbenefikaw mill-Ghajnuna Medika".*[1]

L-ghan tal-Gvern wara din il-mizura kien biex itaffi l-piz ta' dawk il-genituri li jghixu bil-pensjoni u jkollhom ighixu maghhom wild li jbati mill-mard li jissemma f'paragrafu (b). B'din il-mizura iktar nies saru intitolati ghall-ghajnuna ghall-Mard. Il-qorti fehmet din il-mizura bhala *exception to the rule*, sabiex jittaffa l-piz finanzjarju fuq il-genituri li jghixu bil-pensjoni.

Disposizzjoni li m'ghandhiex tigi applikata b'mod li teskludi lill-persuni li huma kap tal-familja u ma jghixux mal-genituri minn dan it-tip ta' beneficcju. Id-disposizzjoni m'ghandhiex tigi interpretata daqslikieku l-ghajnuna ghall-mard tinghata biss lil persuna li tghix mal-genituri taghha li jircievu pensjoni.

Fil-kaz in ezami jirrizulta li l-genituri tal-appellata mejtin u spiccat tghix wahedha. Inevitabbilment ghalhekk, ll-Artikolu 20(1)(b) ma japplikax ghall-kaz taghha.

Ghaldaqstant, l-appellant ma kellux jedd li jirrifjuta l-applikazzjoni tal-appellata minhabba li ma tissodisfax il-kriterji li jissemmew f'paragrafu (b) tal-Artikolu 20(1) tal-Kap. 318.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.

[1] Pubblikat mill-Ministeru tal-Finanzi f'Ottubru, 2015 (pagna 183).